**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Carol Fabri]**

**vs**

**Mario Dingli**

**Kumpilazzjoni Numru: 1157/2013**

**Illum, 11 ta' Novembru, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Mario Dingli detentur tal-karta tal-identita` numru 90169M akkuzat talli nhar it-28 ta' Awwissu 2013 fi Triq iz-Zebbuga, Gudja fis-saghtejn u nofs (14:30hrs) u fil-hinijiet ta' qabel:

1. Ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' John Mercieca numru tal-karta tal-identita` 757346M skond kif

iccertifikat minn Dr. David Grech M.D., numru mediku 5207 mill-Isptar Mater Dei;

2. Volontarjament kiser il-bon ordni b'ghajjat u glied;

3. Ingurja jew hedded bil-kliem lil John Mercieca.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta` ta' J Mercieca u/jew persuni ohra, u/jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni lezi u/jew ta' individwi ohra minn fastidju u/jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat ai termini tal-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija netta;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputat;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat argument li nqala' fit-triq bejn girien fejn il-parte civile, John Mercieca, spicca sofra feriti gravi.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat **Mario Dingli** qal li fit-28 ta' Awwisu 2013 waqt li l-imputat kien qed ihott bil-vann u wara li kien hemm skambju ta' kliem ma' Pauline li tigi bint John Mercieca, l-istess John Mercieca nizel minn fuq it-tarag tad-dar tieghu, resaq lejn l-imputat u nizel ghalih b'idu bil-ponn "*u kif ha jxejjer idejh gej lejja jiena ilqajtu b'idejja catti ma sidru, u kif habat sidru ma' idejja x'gara wara jigifieri zelaqx jew intelaqx mal-art jew baramx saqajh ma nistax niggudika jiena*." L-imputat qal li huwa kien qed jilqa' biss is-swat li kien ser itih missier Pauline. Huwa qal li ma sofra l-ebda griehi.

Illi xehed **PS 1602 Marco Mifsud** li qal li meta wasal fuq il-post ma sab l-ebda argument ghaddej. Huwa kellem lill-imputat li qal li

John Mercieca ghamel idejh ma' wiccu fejn iddefenda ruhu u Mercieca spicca waqa' wahdu mal-art. Kellem ukoll lil John Mercieca li qal li mar ikellem lill-imputat ghax kien qed ihalli l-vettura tieghu fin-nofs fejn spiccaw argumentaw u l-imputat imbuttah fl-art bil-konsegwanza li kiser idu. Ix-xhud qal li huwa ha passi wkoll kontra John Mercieca. Ix-xhud esebixxa r-rapport li hejja – Dok. MM1.

Illi xehed il-parte civile **John Mercieca** li spjega li huwa joqghod fi triq dejqa u l-imputat ilu zmien twil ihalli l-karozzi fin-nofs u b'hekk *huwa u l-familja tieghu ma jkunux jistghu jghaddu*." Qal li kien fuq l-ghatba tieghu fejn ghajjat isem l-imputat ghal tliet darbiet ghax kien halla l-karozza fin-nofs ghal cirka 35 minuta. Wara harget bintu ghax riedet tghabbi l-karozza fejn hareg Mario Dingli li qalilha li jnehhi l-karozza tieghu x'hin joghgbu hu. Il-parte civile spjega li huwa mexa xi 12-il pied u qal lill-imputat li mhux qed jitkellem sewwa ghax mhux suppost ihalli l-vettura tieghu hemmhekk. Spjega li l-imputat dahal u rega' hareg fejn mar irrankat ghalih: "*gie hu b'sahha li kellu qabad idejh hekk u jaghtini daqtejn fuq sidri hawnhekk u tefghani ma' l-art u bdejt nitkaxkar mal-hajt … Hadt daqqa fuq wara u gejt fuq din l-id ma stajtx incaqlaqha, kelli hawn mibrux kollu anke dahri."* Ix-xhud

spjega li hdejh kien hemm martu, bintu u t-tifla ta' bintu. Wara bintu cemplet lill-Pulizija mentri l-imputat qabad il-karozza u telaq. Zied jghid li kien irrizulta mill-X-ray li kellu idejh miksura.

Illi xehdet **Pauline Borg** li qalet li marret sal-genituri taghha u kellha tghabbi xi affarijiet u marret thabbat bil-prudenza l-bieb tal-imputat peress li kellu l-vettura fin-nofs fejn qalilha li x'hin joghgob lilu kien iressaqha. Qalet li kellha terga' thabbatlu u "*hareg bir-rabja … In the meantime kif ezatti ndur u nimxi nisma' bum, imma xi haga li l-hoss kien veru kbir, bis-serjeta` kien kbir."* Ix-xhud qalet li kif daret rat lil missierha "*mixhut ma' l-art*" u kif marret biex tghinu l-imputat ipprova "*anke jaghmel il-ponn ma' wicci*". Kienet ommha li gibditha lura ghax wicc l-imputat kien ezatt ma' wiccha. Qalet li dak il-hin bdiet tghajjat hafna u qaltlu li din l-affari mhijiex ser tieqaf hawn u ser itellghuh l-Qorti. Ziedet tghid li l-imputat u wliedu kienu ilhom snin twal jaghlqu t-triq bil-karozzi taghhom. Ix-xhud qalet li ghalkemm ma ratx ezatt l-incident kif gara hija tghid: "*smajt l-incident, smajt kif hu beda jghajjat mieghu*." Imbaghad semghet tisbita kbira u rat lil missierha mixhut mal-art u ommha b'idejha bid-demm peress li laqat ukoll lil ommha: "*kif imbotta lilu ommi xkanat mal-hajt*."

In kontroezami qalet li ommha waqt li bdiet taghmel xi mossi biex titkellem zgur li ma laqtitx lill-imputat filwaqt li missierha ma tahsibx li laqat lill-imputat waqt li kien qed jiggestikola b'idejh.

Xehdet ukoll it-tifla l-ohra tal-parte civile, **Charlene Mercieca**, li kienet gewwa fil-kcina meta f'salt wiehed semghet t-tifla t'ohtha twerzaq u semghet lil ohtha tghid: "*imissek tisthi ssawwat anzjan*". Dak il-hin harget barra u rat lil missierha mal-art izomm idejh ix-xellugija. Dak il-hin dahlet gewwa biex iccempel lill-Pulizija u meta regghet lura barra ommha lehqet qajmet lil missierha li kien qed jilmenta ghax kien mugugh u ma setax iccaqlaq idu. Ix-xhud qalet li barra fit-triq apparti l-imputat u missierha kien hemm ukoll ohtha u t-tifla taghha u anki ommha. Qalet ukoll li meta harget mid-dar rat lil ohtha minn wara u "*Mario Dingli naf li kellu idu l-leminija ponn ma' wicc ohti.*"

Illi xehed it-tabib **Dr. David Grech** li kkonferma c-certifikat mahrug minnu a fol. 19 u 20 tal-atti processwali. Qal li l-ewwel hareg certifikat ta' *slight inju*ries imbaghad wara hareg certifikat ta' *grevious injuries per durata* peress li kien hemm ksur. In kontroezami x-xhud ikkonferma li l-ahhar parti tac-certifikat

mhuwiex l-opinjoni tieghu izda r-rizultat tar-rapport tar-*radiologist*.

Xehdet ukoll **Francesca Mercieca**, mart il-vittma, li qalet li harget mid-dar u rat lil bintha ccempel lil Mario Dingli fejn kellmitu bl-edukazzjoni sabiex iccaqlaq il-karozza u l-imputat hareg ghaliha bis-suppervja u bl-ghajjat. Ix-xhud qalet li hija kienet hdejn zewgha u kellha t-tifla ta' bintha ta' 13-il sena hdejha wkoll u Mario Dingli hareg "*f'radda ta' salib*". Ix-xhud gharfet lill-imputat fl-awla. Qalet li "*f'radda ta' salib dahal ghal fuq ir-ragel qisu bhima fferocjata, tah go sidru b'idejh it-tnejn, lili sammarni ma' l-art lanqas stajt nitkellem all right. Tah ghal fuq il-hajt, baraxlu nofs dahru kollu, minn fuq il-hajt tefghu sabbtu ghal ma' l-art li fit-tliet minuti erbgha ma felahx ikellimni r-ragel.*" Qalet li meta rnexxielha tqajjem lil zewgha mill-art bl-akbar tbatija rat lil bintha hdejn l-imputat fejn staqsietu ghalfejn refa' jdejh fuq bniedem anzjan u dak il-hin rat lill-imputat b'idejh bil-ponn go wicc bintha "*in-nuccali jmiss mieghu u l-bzieq tieghu jtir ma' wiccha.*"

Xehdet **Marika Dingli**, mart l-imputat, li qalet li kienu ghadhom kif waslu minn gimgha Ghawdex u bdew ihottu l-bagalji u wara

ftit semghu hafna ghajjat fejn ir-ragel qalilha li ser imur idahhal il-vann. Spjegat li wara ftit sekondi semghet lil Pauline Mercieca tghid "*M'hemmx ghalfejn tohrog ghalih*" u f'daqqa wahda regghet semghet hafna ghajjat u dak il-hin harget u rat lis-Sur Mercieca qed jipprova jqum b'id wahda u bl-id "*l-ohra x-xellugija sejjer: ghax nahraqilkom il-karozzi.*" Qalet li rat ukoll lil Pauline tghajjat f'wicc ir-ragel taghha fejn bdiet tghidlu "*inpattihielkom*". Rega' harset lejn il-parte civile u rat lil bintu l-ohra qed tipprova tghinu. Wara zewgha dahal fil-van u saq u dak il-hin Pauline daret fuqha u bdiet tghidilha li ser tpattilhom u li din l-affari mhux ser tieqaf hawn. Hija qalet li l-incident *per se* ma ratux.

Illi xehed ukoll l-imputat **Mario Dingli** li qal li kien qed ihott il-bagalji ta' gimgha btala mill-karozza fejn kien diehel u hiereg mid-dar ghall-karozza u f'hin minnhom sema' "*skoss ghajjat*" barra l-bieb fejn qal li ma tantx ta kaz. Rega' fetah il-karozza peress li kien fadallu x'ihott meta sema' xi hadd jghajjat biex inehhi l-karozza minn hemm. Meta hares ra li kien hemm Pauline flimkien mat-tifla taghha, missierha u ommha. Skont l-imputat qalilhom li la jhott kollox u jkun komdu jsuq. Rega' dahal id-dar u kif hareg biex jaghlaq il-bieba tal-karozza sema' lil Pauline tghid "*M'ghandekx ghalfejn tohrog ghalih Pa!*" u kif hares raha

zzomm lil missierha billi kellha idejha ma' sidru. Qal li John Mercieca kien bil-qalziet ta' taht fuq it-targa tal-bieb u kien jidher irrabjat hafna. Pauline bdiet tghajjar lil mart l-imputat fejn l-imputat irrisponda u dak il-hin hu u Pauline qabdu battibek bejniethom. Gara li John Mercieca ddecieda li johrog u jinqala' mit-targa. L-imputat qal li l-parte civile hareg hafi u ma jafx jekk kienx fis-sakra wkoll ghax rah ftit imxengel. L-imputat qal li nhasad x'hin ra li nqala' mit-targa ghax ma kienx preparat ghall-glied. Qal li John gie fuqu u hareg idejh u x'hin rah johrog idejh qallu: "*Ejj, John x'se taghmel?*" Dak il-hin l-imputat qal li hareg idejh izda mhux ponn: *"Jien kull ma ghamilt hrigt idejja catti."* L-imputat qal li kien John Mercieca li mexa hdejh u mexa cirka 40 pied. Qal li l-parte civile nizel mit-targa mxengel u kif resaq lejh tar: "*Tar igifieri, minn hawn u l-microphone, kwazi tar lejja. Ma nafx rifisx xi gebel jew ma nafx xi gralu ezatt ma ... ma nafx. Jien ilqajt b'idejja u hu waqa' ma' l-art. U dak il-hin jiena ma .. ma … ma bdejtx nara xejn. Qbadt ippanikjat, qbadt tlajt fil-karozza … u hrigt u tlaqt insomma.*" Wasal lura xi 15-il minuta wara fejn sab il-Pulizija u ra lil John Mercieca diehel gewwa d-dar juza jdejh it-tnejn u saqajh it-tnejn. Huwa kkonferma li ma hebbx ghal John Mercieca u kull ma ghamel iddefenda ruhu: "*Jien iddefendejt ruhi biss u lqajt … lqajt. Li issa kienx ha jaqa' jew hekk ma nafx. Jiena*

*ilqajt biss.*" Ikkonferma wkoll li l-incident gara quddiem id-dar tieghu u mhux quddiem id-dar tal-vittma. Qal ukoll li kien sorpriza meta xi gimgha wara l-incident ircieva telefonata mill-Pulizija fejn infurmawh li l-vittma kellu griehi gravi ghaliex il-Pulizija fil-bidu qalulu li kellu biss selha fuq saqajh.

In kontroezami l-imputat qal li meta sehh l-incident huwa kellu 45 sena mentri l-imputat kien anzjan ta' 68 sena. Qal li huwa beza' ghaliex kienu erbgha b'kollox. Qal li Pauline kienet qed issahhan lil missierha. Mistoqsi kif il-vittma fil-*video* ma kienx bil-qalziet ta' taht l-imputat qal li apparentement meta gabruh mill-art gabulu l-hwejjeg. Dan skont x'qalulu.

Ikkonkluda billi qal is-segwenti: *"Ma nsawwatx imma nerga' nilqaghhom, ghax m'ghandux dritt isawwatni, allavolja izghar minnu.*"

Illi xehdet ukoll bint l-imputat**, Erica Dingli**, li qalet dak il-hin ta' l-incident kienet fil-kamra tal-banju u kellha l-*mobile* f'idejha. Semghet l-istorbju u bdiet tigbed *video* mit-tieqa. Hija qalet li rat lil gar taghha jimxi u jaqbad l-bieb b'idejh it-tnejn u di fatti jidher li dan ir-*recording* gie esebit biex turi li l-parte civile wara

l-incident kien qed juza jdejh it-tnejn. L-istess *video* gie esebit a fol. 113 bhala Dok. ED1.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat illi fit-30 ta' Settembru 2019 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel il-Qorti sejra tittratta l-punt sollevat mid-difiza ghar-rigward l-ewwel akkuza fejn l-imputat jinsab akkuzat talli kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' John Mercieca. Id-difiza fil-fatt qajmet il-preskrizzjoni fejn argumentat li *semmai* l-griehi li sofra l-parte civile kienu ta' natura hafifa u mhux gravi u allura stante li kien hemm korrezzjoni fid-data inkriminata, l-ewwel akkuza hija preskritta.

Illi l-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mid-difiza fit-trattazzjoni taghha fejn qalet illi t-tabib li xehed kien ikkonstata l-feriti *a tempo vergine* bhala hfief fejn wara nbidel ic-certifikat

ghal griehi gravi a bazi ta' rapport ta' terz fejn gie argumentat li dan it-terz ma telax jixhed u ma kkonferma xejn bil-gurament.

Illi t-tabib David Grech, li xehed u kkonferma c-certifikati li huwa hejja, assuma kull responsabbilita` fir-rigward tan-natura tal-griehi li sofra l-parte civile. Di fatti kien huwa stess li assuma r-responsabbilta` li jbiddel ic-certifikat tieghu stess u johrog certifikat iehor li jfisser li huwa kien konvint min-natura ta' dawn il-griehi. Huwa minnu li fl-atti processwali hemm esebiti zewg certifikati izda t-tabib li ezamina l-parte civile spjega b'mod car ghaliex kienu nhargu zewg certifikati. Dan mhuwiex kaz fejn fl-atti gie esebit X-ray li juri li kien hemm ksur u fl-istess hin hemm certifikat li jikkontradixxi dan u jikkonkludi li l-griehi huma hfief. Il-Qorti ghandha quddiemha certifikat fejn gie konstatat li l-griehi sofferti huma ta' natura gravi u dan l-istess certifikat gie konfermat bil-gurament mill-istess tabib li ezamina l-parte civile. Jista' jkun minnu li t-tabib Grech ibbaza ruhu fuq opinjoni ta' *radiologist* izda l-fatt jibqa' illi l-istess tabib assuma kull responsabbilita` meta biddel ic-certifikat minn griehi hfief ghal griehi gravi.

Illi stabbilit li l-griehi subiti mill-parte civile huma ta' natura gravi l-ewwel akkuza mhijiex preskritta.

Illi sorvolata l-preskrizzjoni, il-Qorti ser tezamina l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni. Fil-kaz odjern kien hemm diversi xhieda okulari izda jibqa' l-fatt li l-mument *per se* meta l-imputat u l-parte civile gew vicin ta' xulxin hadd ma rah hlief ghall-parte civile u l-imputat.

Illi l-Qorti hija konfrontata b'zewg verzjonijiet kontrastanti fejn min-naha wahda hemm il-parte civile li huwa ragel anzjan li qieghed jallega li gie ferut waqt argument u min-naha l-ohra hemm l-imputat li qal li kulma ghamel kien biss biex jiddefendi ruhu - *"Jien iddefendejt ruhi biss u lqajt … lqajt. Li issa kienx ha jaqa' jew hekk ma nafx. Jiena ilqajt biss."*

Illi konfrontata b'tali verzjonijiet kontrastanti l-Qorti ser tezamina l-kredibilita` ta' dawn ix-xhieda.

Illi jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti l-prassi hija li ghandha tillibera stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero` l-Qorti tista' wkoll tezamina l-

kredibilita` tax-xhieda kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-19 ta' Mejju, 1997 fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Fil-kaz **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003 gie ritenut illi:

> *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux."*

Fil-kawza **Amabile Cauchi vs Gianni Attard** tal-21 ta' Mejju 1955, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi:

> *"biex tezamina l-kredibbilita` tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji - ezami li ghandu jsir dejjem, imma li jakkwista importanza akbar meta hemm zewg xhieda principjanti, wahda tghid abjad u l-ohra tghid iswed. U fost il-kriterji tal-kredibbilita` hemm dak tad-deportament tax-xhud fl-isbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal-materjal l-iehor li jkollha quddiemha l-Qorti."*

Il-Qorti tinnota li l-parte civile, li huwa ragel anzjan ta' 68 sena, zamm kostanti mal-verzjoni tieghu u kien anki genwin f'dak li qal partikolarment meta qal li ghandu l-artrite. Min-naha l-ohra l-Qorti nnutat li l-imputat, li fid-data tal-incident kellu 45 sena, qal li huwa gie aggredit mir-ragel anzjan fejn qal li kellu jiddefendi ruhu. Skont il-verzjoni tal-imputat, John Mercieca f'salt wiehed tar fid-direzzjoni tieghu u ghalkemm kien qed ihares lejh qal li ma jafx kif waqa': *"Ma nafx rifisx xi gebel jew ma nafx xi gralu ezatt ma ... ma nafx. Jien ilqajt b'idejja u hu waqa' ma' l-art. U dak il-hin jiena ma ... ma ... ma bdejtx nara xejn. Qbadt*

*ippanikjat, qbadt tlajt fil-karozza … u hrigt u tlaqt insomma.*" Illi l-Qorti thoss li din il-verzjoni hija inverosimili ghal zewg ragunijiet: fl-ewwel lok l-Qorti ma temminx li l-imputat ma jafx kif l-imputat spicca mal-art u anki jekk ghall-grazzja tal-argument ma kienx hu li mbuttah mal-art xorta wahda taraha stramba kif l-imputat ma jafx kif l-imputat spicca mal-art meta kien qed ihares proprju lejh; fit-tieni lok il-Qorti thoss li ma jaghmel assolutament l-ebda sens li wiehed (specjalment jekk ma jkunx imbuttah huwa stess) jara anzjan jaqa' mal-art u minflok jghinu jahrab minn fuq ix-xena!

Illi ghalhekk il-Qorti hija konvinta li l-parte civile kien iktar kredibbli fil-verzjoni tieghu. F'dan is-sens il-Qorti taghmel riferenza ghas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 638 li jghid: *".....f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar."*

Illi sorvolata l-kwistjoni tal-kredibilita`, il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova oltra kull dubju dettat mir-raguni l-ewwel akkuza. Ghall-kuntrarju pero` l-Prosekuzzjoni ma

gabet l-ebda prova sabiex tissostanzja kemm it-tieni u anki t-tielet akkuza u ghalhekk il-Qorti ser tillibera lill-imputat minn dawn l-akkuzi fuq nuqqas ta' provi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 216 (1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Mario Dingli hati tal-ewwel (1) akkuza kif dedotta kontrih u u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn (2), filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) u t-tielet (3) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Mario Dingli l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

_________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**